MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 53

25 ta' Lulju 2023

Minuti tas-seduta Nru. 53 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 25 ta' Lulju 2023 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti fiżikament, minbarra l-Viċi Sindku J. Buttigieg u l-Kunsillier M. Abela li kienu qed jattendu b'mezz eletroniku.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

1.1. **Minuti**

1.2. Il-minuti tas-Seduti Nru. 52 tas-27 ta' Ġunju 2023, ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: Minutes List (gov.mt).

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Skema 2 - Manutenzjoni tal-Komun fil-binjiet tal-Gvern - 2023 (B/7)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 5.5.1. tas-seduta preċedenti dwar l-iskema msemmija, li tipprovdi għall-manutenzjoni tal-komun fil-binjiet tal-Gvern fejn l-Awtorità tad-Djar qed tagħti l-fakultà lill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jipparteċipa fl-iskema msemmija u jgħin lir-residenti tal-blokki fil-Qasam Ta' Pennellu fit-twaqqif ta' għaqda tar-residenti u l-ħatra ta' amministratur tal-fiduċja tagħhom. Il-Kunsill ġie mgħarraf li r-residenti tal-blokki A2, A3, A4, u B2 wieġbu għas-sejħa sad-data tas-seduta.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Asfaltar ta' Triq it-Tabib Joseph Grech Attard (T/4/7/Vol III)

2.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti dwar il-kostruzzjoni ta' Triq it-Tabib Joseph Grech Attard. Huwa qal li l-Kunsill huwa kkuppjat f'korrispondenza bejn il-Ministru tal-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża u l-Kap Eżekuttiv tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, fejn dawn l-entitajiet qed isostnu li s-sehem tagħhom fil-kostruzzjoni ta' din it-triq huwa limitat għall-infrastruttura relatata mal-ilma tax-xorb u d-

drenaġġ. Għaldaqstant dak li jirrigwarda l-kostruzzjoni tat-triq infisha għandu jsir minn Infrastructure Malta.

2.2.3. Il-Kunsillier M. Abela staqsa minn kien responsabbli għall-konkos li ngħata illi naqqas mill-inkonvenjenzi tar-residenti. Aċċenna wkoll li fadal l-aħħar biċċa tat-triq għandha ssir ukoll bil-konkos. Huwa għamilha ċara li dan għandu jkun wiċċ temporanju u m'għandux ifisser li t-triq se tibqa' bil-konkos.

2.2.4. Il-Kunsillier G. Micallef qal illi huwa mportanti li r-residenti jkunu nfurmati permezz tal-media dwar il-pressjoni li qed issir mill-Kunsill u l-pożizzjoni li qed jieħdu l-entitajiet konċernati.

2.2.5. Is-Sindku D. Vella wieġeb li l-konkos ingħata mill-ħaddiema tad-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni. Huwa spjega wkoll li fil-kuntatti li kien hemm s'issa bejn il-Kunsill, Infrastructure Malta u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dejjem kienu jinvolvu l-livellar tal-blat, l-ispostament tal-mains tal-ilma u servizzi oħra li għaddejjin taħt l-art.

**2.3.1. PA 3457/23 – Tqegħid ta' imwejjed, siġġijiet u umbrellel quddiem 130/131, Triq Ġorġ Borg Olivier** **(T/4/10/Vol III)**

2.3.2. Saret referenza għall-minuta 5.3.1. tas-seduta preċedenti. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li huwa flimkien mas-Sindku D. Vella ltaqgħu mal-applikant u l-perit tiegħu fejn stqarru li l-opinjoni espressa mill-Kunsill ma treġġix, peress li mhux possibbli li l-karozzi tal-linja jidħlu fil-*bus bay* li hemm biswit l-istabbiliment tagħhom, u għaldaqstant jibqgħu fil-karreġġjata.

2.3.3. Il-Kunsill reġa' ra l-pjanta sottomessa u nnota li l-*bus bay* hija fil-fatt ikbar milli kif tidher fuq il-pjanti sottomessi. Dan peress li mal-kantuniera ta' Triq San Publiju hemm tnejn *parking bays*, mhux tliet parking bays. Dan il-fattur għandu jagħmilha aktar faċli li l-karozzi tal-linja jidħlu fil-*bus bay*.

2.3.4. Il-Kunsill ikkonferma l-opinjoni espressa fis-seduta ta' qabel.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Servizz dwar tindif ta' toroq, turġien u passaġġi f'ġonna u *playgrounds* pubbliċi f'żoni urbani** **(T/4/5/Vol IV)**

3.1.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar l-andament tas-servizz ta' tindif fit-toroq urbani, li qed jingħata mid-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni. Huwa qal li kien ikkuntatjat minn residenti fi Triq Sammy Bartolo, li lmentaw miegħu li din mhux tinkines u dan huwa evidenti mill-istat ta' indafa li tinsab fiha din it-triq.

3.1.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg u l-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar spjegaw li attwalment hemm tliet gruppi ta' kenniesa li ġew assenjati mid-DTM. Hemm dak li jiġi filgħodu li jagħmlu t-toroq ta' priorità, u hemm dawk iż-żewġ gruppi ta' filgħaxija li jagħmlu toroq oħra u l-passaġġi u l-bins tal-ġonna. Dawn tal-aħħar filgħodu jkunu mpenjati fuq it-tindif tax-xtut. Is-Sur J. Buttigieg qal li s'issa għandhom mhux qed jiġu segwiti l-iskedi bil-frekwenzi tal-knis stabbiliti għar-raġuni li għadhom jiġu trattati toroq fejn ix-xogħol kien waqa lura bil-kuntratt li twaqqaf. Huwa qal ukoll li Triq Sammy Bartolo kienet ser tiġi trattata fil-ġimgħa li jmiss.

**3.2.1. Xogħlijiet tal-arti fil-beraħ fi Triq il-Kbira** **(A/11)**

3.2.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg rrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta Nru. 50 tal-24 ta' April 2024, fejn kien ġie deċiż li ssir tpinġija biż-żebgħa fit-taraġ li jinsab fi Triq Ġorġ Borg Olivier, bejn Triq Sant' Anna u Triq Sant' Elena. Huwa staqsa fiex waslet din l-inizjattiva.

3.2.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li x-xogħol involut ġie ttardjat peress li l-artista nvoluta kellha mpenji oħra.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 23/06/23;
- Skeda ta' Pagamenti – 24/06/23 – 23/07/23;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti – Seduta Kunsill Reġjonali – 02/05/23;
- Minuti – Seduta Kunsill Reġjonali – 13/06/23
- Statistika dwar tunnellaġġ ta' skart separati miġbur – Jannar/Ġunju 2023; u
- Ittra ta' Direzzjoni mibgħuta mill-Udituri u tweġiba għaliha.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Aċċess bil-veturi fiż-Żona Ċ għall-ikkampjar biswit Triq Daħlet ix-Xmajjar (C/4/Vol IV)

5.1.2. Is-Segretarju Eżekettiv C. Debono għarraf li fid-19 ta' Lulju 2023 huwa attenda laqgħa fiż-Żona Ċ għall-ikkampjar ġewwa l-Aħrax, flimkien ma' rappreżentanza mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonist tal-Mellieħa, uffiċjali mill-Awtorità tar-Riżorzi u l-Ambjent, u minn Ambjent Malta. Fl-istess laqgħa l-GħKNKM tennew it-tħassib tagħhom għad-dħul ta' vetturi li qed jagħmel ħsara s-siġar. Fl-istess laqgħa kien miftiehem li dan l-abbuż jista' jiġi kkontrollot bit-tqegħed ta' ġebel kbir f'erba' postijiet fuq in-naħa ta' Triq Daħlet ix-Xmajjar. Aktar 'il quddiem hemm il-ħsieb li dan jitkompla billi jitpoġġew ġebliet tal-istess daqs fuq in-naħa tal-Kappella tal-Kunċizzjoni.

5.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li huwa għamel il-punt li m'għandhomx jingħalqu l-aċċessi kollha b'dan il-mod għaliex dan jista' ixekkel il-ħidma tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili f'każ ta' ħruq. Huwa għalhekk ippropona li għandha ssir konsultazzjoni magħhom.

5.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li qabel fil-prinċipju mal-miżura protettiva proposta.

### 5.2.1. *Pedestrian crossing* quddiem il-knisja tal-Manikata (T/3/2/Vol XVI)

5.2.2. Saret referenza għal imejl datat 11 ta' Lulju 2023 fejn intalab li ssir *pedestrian crossing* bi dritt il-bieb ewlieni tal-Knisja Parrokkjali tal-Manikata.

5.2.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg li għandha ssir bankina fejn attwalment hemm l-ewwel *parking bay* ta' mal-ġnien bil-għan li l-*pedestrian crossing* tkun aktar sikura.

5.2.4. Il-Kunsill ma' wasalx għal deċiżjoni fuq dan is-suġġett, iżda kien hemm qbil li għandha ssir żjara fuq il-post, qabel tkompli d-diskussjoni fuq din il-materja.

### 5.3.1. Introduzzjoni ta' *speed humps* fir-Ramla tat-Torri l-Abjad (T/3/2/Vol XVI)

5.3.2. Sar aċċenn għal imejl datat 11 ta' Lulju 2023 fejn l-Assoċjazzjoni tat-Torri l-Abjad talbet li jsiru tliet *speed humps* imqassma matul it-triq li ddur mar-ramla.

5.3.3. Il-Kunsill qabel li għandu jirrakkomanda din it-talba lil Transport Malta.

### 5.4.1. Fanal nieqes fi Triq Sant' Anna (E/1/3/Vol IV)

5.4.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li kien hemm fanal ornamentali fit-triq imsemmija li tneħħa u ma reġgħax sar, bir-riżutat li hemm parti minn Triq Sant' Anna fid-dlam.

5.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li l-arblu in kwistjoni tneħħa bil-għan li ma ssirlux ħsara, peress li qrib tiegħu qiegħed isir użu minn makkinarju tal-kustruzzjoni.

## 5.5.1. Manutenzjoni fil-*multi-purpose court* parti mill-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI).

5.5.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-isforzi li qed isiru sabiex jinstab kuntrattur li lest jagħmel ix-xogħol imsemmi. Huwa ġibed l-attenzjoni li attwalment għaddej xogħol simili fil-Ground Ta' Pennellu u ssuġġerixxa li jsir kuntratt mal-kuntrattur konċernat sabiex jittieħed jara l-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja bil-għan li jissottometti stima.

5.5.3. Il-Kunsill qabel li għal-laqgħa fuq il-post għandhom jattendu l-perit inkarigat, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, u l-Kunsillieri E. Bartolo u K. Buttigieg, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

5.5.4. Waqt id-dikussjoni fuq din is-suġġett, il-Kunsillier K. Buttigieg aċċenna li hemm xi tabelli fil-Park tal-Familja li huma neqsin jew qdiemu. Huwa qal ukoll li l-*mulch* illi kien hemm fil-korsa inġarr kollu bl-ilmijiet tax-xita. Aċċenna wkoll li ċertu xogħol ta' manutenzjoni jista' isir mill-ħaddiema tal-Aġenzija għar-Riġenerazzjoni ta' Żoni Turistiċi.

5.5.5. Il-Kunsill qabel li s-Sur K. Buttigieg għandu jagħmel lista tat-tabelli li hemm nieqsa u jgħaddiha lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex issir ordni għalihom, filwaqt li għandhom jinstabu fornituri tal-*mulch*.

## 5.6.2. Skambju ta' żjarat li jinvolvu tfal permezz tal-ġemellaġġ Mellieħa-Cavriglia (K/1/5/3/Vol II)

5.6.3. Il-Kunsillieri K. Buttigieg u G. Micallef aċċennaw għaż-żjara li saret minn grupp ta' tfal li jattendu l-Mellieħa Football School fi ħdan il-Mellieħa Sports Club, li saret bejn il-15 u l-20 ta' Lulju 2023. Mill-attivitajiet li ġew organizzati, it-tfal integraw tajjeb mat-tfal tal-post. Il-grupp kollu kien kompost minn 26 bejn tfal u uffiċjali mill-MFS, filwaqt li għan-naħa tal-Kunsill attendew wkoll il-Kunsillier K. Buttigieg. Is-Sur G. Micallef ikkummenta li l-grupp anke kellu laqgħa mas-Sindku ta' Cavriglia Leonardo Degl'Innocenti o Sanni. Sfortunatament kien hemm tifel li kellu jirritorna Malta qabel peress li ħassu mhux sewwa. Il-grupp kien milqugħ tajjeb ħafna.

5.6.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li jidher li hemm ix-xewqa illi sa Jannar 2024, grupp mużikali minn Cavriglia jżur il-Mellieħa.

5.6.5. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini li l-grupp li ġej il-Mellieħa bejn is-27 ta' Awwissu u t-3 ta' Settembru 2023 ser ikun magħmul minn 15-il tifel u tifla akkumpanjati minn żewġ adulti. Hija qalet ukoll li ġejjin erba' uffiċjali mill-Comune di Cavriglia li ser jingħaqdu mal-grupp tul tmiem-il ġimgħa biss. Intqal ukoll li qed jintalbu kwotazzjonijiet għal akkomodazzjoni u l-kolazzjoni, kif ukoll għall-ikliet mingħand l-għaqdiet volontarji fil-Mellieħa li joffru dan is-servizz.

5.6.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.7.1. Kors fl-immaniġġjar tal-iskart (K/6/2/Vol IV)

5.7.2. Il-Kunsillier J. Gauci aċċenna li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono u l-Uffiċjal Prinċipali M. Gambin attendew kors ta' tlettax-il sessjoni li kien kordinat mill-*Manager* inkarigat mill-Iskart fi ħdan il-Uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali, bis-sehem ta' uffiċjali mill-Awtorità dwar ir-Riżorsi u l-Ambjent, l-BCRS, u l-Wasteserv. Huwa qal li l-kors kien jikkonsisti fi żjarat fl-impjanti tar-riċiklaġġ tal-Wasteserv u l-BCRS f''Ħal Far u fis-*civic amenity site* f'Ta' Qali, fejn hemm l-impjant li jirriċikkla l-iskart ġej mill-veġitazzjoni.

5.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.8.1. Xejriet fil-ġbir tal-iskart domestiku – Jannar/Ġunju 2023 (K/6/2/Vol V)

5.8.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg għarraf li l-Kunsill Reġjonali ħareġ l-istatistika dwar il-ġbir tal-iskart domestiku fil-perjodu ndikat hawn fuq, minn kemm ilu jitħaddem il-kuntratt attwali. Huwa spjega li fil-każ tal-Mellieħa l-piżijiet ta' skart miġbur kienu kif ġej:

| | 2022 (T) | 2023(T) | Varjanza (%) |
|---|---|---|---|
| Imħallat (borża s-sewda) | 2,063 | 944 | -55 |
| Organiku (borża l-bajda) | 249 | 309 | +24 |
| Riċiklabbli (borża l-griża) | 459 | 294 | -36 |
| Ħġieġ | 55 | 39 | -29 |

5.8.3. Is-Sur J. Buttigieg qal li kien hemm tnaqqis notevoli ta' 55% fil-piż miġbur tal-borża s-sewda, filwaqt li naqas ukoll l-iskart riċiklabbli peress li bdiet taħdem is-sistema tal-BCRS. Jidher ukoll li żdied l-użu tal-*bring-in sites* fejn jidħol il-ħġieġ, billi naqas it-tunnellaġġ li qed jinġabar bieb-bieb. L-unika żieda li kien hemm fuq l-2022 kienet fir-rigward tal-iskart organiku.

5.8.4. Il-Kunsillier J. Gauci ssuġġerixxa li għandha ssir rappreżentazzjoni mal-Wasteserv dwar l-ipproċessar tal-iskart veġitali ġġenerat mill-ġonna, privati.

5.8.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.9.1. Lejla Selmunija** **(A/5/5/Vol X)**

5.9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li fl-10 ta' Lulju 2023 saret laqgħa dwar l-attività msemmija, li attendew għaliha wkoll is-Sur Joseph Cachia, is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono u Ms M. De Bono mis-Segretarjat tal-Kunsill. Kien spjegat li l-proposta tas-Sur Cachia hija li jkun hemm għaxar kittieba li jippreżentaw xogħol letterarju dwar Selmun bħala parti minn lejla letterarja. Kien issuġġerit li l-lejla tkun animata mis-Sur Anthony Cachia.

5.9.3. Il-Kunsill approva l-attività u qabel li din issir fi Triq il-Fortizza ta' Campbell.

**5.10.1. Taħditiet dwar il-kura tas-snien** **(M/8/Vol VIII)**

5.10.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 13 ta' Lulju 2023, fejn id-Dipartiment tas-Saħħa offra li jingħataw taħditiet lir-residenti sabiex ikun hawn aktar għarfien dwar il-kura tas-snien.

5.10.3. Il-Kunsill laqa' l-offerta.

**5.11.1. Introduzzjoni ta' *one-way* fi Triq il-Manikata** **(T/3/2/Vol XVI)**

5.11.2. Il-Kunsillier M. Abela ġibed l-attenzjoni li qed tinħoloq kongestjoni kull meta jiltaqgħu żewġ vetturi għaddejjin f'direzzjonijiet opposti fi Triq il-Manikata. Għaldaqstant huwa ppropona li din issir *one-way* 'l isfel.

5.11.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li din it-triq kienet tħalliet *two-way* meta Trejqet il-Ħarrub u Triq il-Mejjiesa saru *one-way* sabiex is-sewwieqa jkunu jistgħu jagħżlu jgħaddu mill-iktar waħda konvenjenti għalihom, u hekk il-piż ma tħalliex fuq triq waħda.

5.11.4. Il-Kunsill qabel li għandu jinżamm l-arranġament eżistenti.

**5.12.1. Servizz tal-*Contracts Manager*** **(K/6/5/2)**

5.12.2. Il-Kunsill iddiskuta li l-effett tas-servizz mhuwiex qed jinħass fl-ebda aspett tal-kuntratti li suppost ikopri. Huwa evidenti li ma huwa jsir ebda kuntratt mal-kuntratturi dwar l-andament tax-xogħol, filwaqt li l-*Contracts Manager* qiegħed ikun assenti f'kull qasam, kemm f'dawk li huma spezzjonijiet, kuntatti mal-kuntratturi, verifiki ta' xogħlijiet li jsiru, sottomissjoni ta' rapporti, liema obbligi joħorġu mill-kuntratt relattiv.

5.12.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jiġu stabbiliti l-klawsoli fil-kuntratt li jippermettu t-terminazzjoni tiegħu.

**5.13.1. *Crash barrier* fi Triq ix-Xifer** **(T/3/2/Vol XVI)**

5.13.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni għall-periklu li jeżisti fi Triq ix-Xifer, fil-parti bejn Triq San Ġużepp u Triq il-Knisja l-Qadima. Huwa qal li jeżisti diżlivell qawwi u fil-fatt riċentement ġara fejn vettura mbuttat il-faxxa tal-konkos li hemm fil-ġenb tat-triq.

5.13.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.14.1. Sistema tat-tisqijja fi Ġnien il-Kenn Soċjali** **(P/4/10/Vol III)**

5.14.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg aċċenna għal roqa ħamrija li teżisti fi Triq il-Muna, biswit Ġnien il-Kenn Soċjali. Huwa ssuġġerixxi li s-sistema tat-tisqija tal-ġnien tiġi estiża sabiex tkopri l-parti msemmija u b'hekk il-pjanti li jitħawlu hemm jirnexxu.

5.14.3. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi verifikat jekk is-suġġeriment huwiex teknikament fattibbli.

**5.15.1. Ipparkjar fi Triq l-Arżnell** **(T/3/2/Vol XVI)**

5.15.2. Il-Kunsillier J. Gauci ppropona li jkun permess l-ipparkjar ta' vetturi fi Triq l-Arżnell mit-*traffic island* 'il ġewwa, fejn it-triq tippermetti.

5.15.3. Il-Kunsill ma qabilx mas-suġġeriment, peress li triq tagħlaq u jkun hemm minn irid idawwar biex joħroġ lura.

**5.16.1. Restawr fil-Bitħa tas-Santwarju** **(R/2/Vol III)**

5.16.2. Il-Kunsillier J. Gauci faħħar ix-xogħol ta' restawr li sar fl-aħħar snin fil-Bitħa tas-Santwarju, kif ukoll dak li attwalment għaddej fuq il-kmamar li hemm biswit l-istess bitħa. Kompla jgħid li sabiex ix-xogħol ikun komplut minn kull aspett, għandha titneħħa kamra li tħares fuq l-istess bitħa, li ġiet miżjuda mad-dar tal-Arċipriet xi snin ilu. Is-Sur Gauci kkummenta li din tistona ħafna mal-madwar u għaldaqstant appella sabiex il-Kunsill iwassal dan il-messaġġ.

5.16.3. Il-Kunsill innota s-suġġeriment.

**6.1. Allokazzjoni ta' spazji għat-tqegħid ta' *caravans*** **(B/5/Vol IV)**

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal-laqgħa nformali li saret bejn il-Kunsill kollu fis-6 ta' Lulju 2023 dwar is-suġġett, li għaliha attendew il-kunsillieri kollha. Fl-istess laqgħa ntqal li l-awtoritajiet qed jagħmlu pressjoni sabiex il-Kunsill iżid aktar spażi ġodda apparti d-*designated site* proposta fil-Qortin it-Twil. Huwa fakkar li kien hemm qbil li għandhom jiġu allokati spazji fl-Armier iż-Żgħir biswit is-Sur tal-Aħrax, kif ukoll fir-Ramla tat-Torri l-Abjad, li huma stmati li jakkomodaw 14 u 10 *caravans* rispettivament.

6.3. Kien spjegat li dawn in-numru ġew determinati fuq l-assunzjoni li d-daqs medju tal-*caravan* huwa ta' 2.5m X 6.5m, bi spazju bejniethom ta' 6 m bħala prekawżjoni kontra n-nar, skont l-i*standards* stabbiliti. B'dan il-mod, il-Mellieħa tkun qed toffri 44 spazju (inkluż tal-Qortin it-Twil), u kemm-il darba jinħareġ il-permess għad-*designated site*, ikun hemm total ta' 64 spazju. Din id-deċiżjoni ġiet komunikata lill-pubbliku permezz tal-media soċjali. Sad-data tas-seduta, kien ġew ipproċessati 43 ġurnata ta' *caravans*.

6.4. Il-Kunsill irratifika l-azzjoni li ttieħdet.

**7.1. Aċċess f'Misraħ il-Parroċċa wara l-pavimentar tagħha** **(P/4/3/Vol IV)**

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-laqgħa nformali li seħħet fis-17 ta' Lulju 2023, li għaliha kienu preżenti l-Kunsillieri kollha.

7.3. Fl-imsemmija laqgħa s-Sindku D. Vella qal li l-pavimentar tal-misraħ issa kien ilu numru ta' ġimgħat li tlesta, iżda dan inżamm magħluq għall-vetturi permezz tal-*bollards*. F'dan il-perjodu wieħed seta janalizza r-rispons li kien hemm mir-residenti u mill-pubbliku in ġenerali. Huwa wera apprezzament lill-Ministeru tat-Turiżmu u Protezzjoni tal-Konsumatur, li permezz tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu twettaq dan il-proġett, li rrenda dan il-misraħ wieħed mill-isbaħ li hawn f'Malta.

7.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg waqt il-laqgħa rrefera għall-komunikat li ħareġ il-Ministru tat-Turiżmu u l-Protezzzjoni tal-Konsumatur l-Onor. C. Bartolo, fis-16 ta' Lulju 2023, permezz tal-media soċjali, fejn tħabbar li l-pjazza ser tibqa' miftuħa għall-vetturi. Huwa kkummenta li l-konsultazzjoni kellha tkun waqt li kien għaddej il-proġett, filwaqt li kellu jkun ukoll marbut mal-proġett tal-parkeġġ tal-Iskola Primarja li ċertament kien joffri alternattiva għall-ispazju li jintilef bil-*pedestrianisation* tal-pjazza u bil-ħruġ ta' aktar permessi għall-imwejjed u siġġijiet.

7.5. Fil-laqgħa tas-17 ta' Lulju wkoll, il-Kunsillier E. Bartolo rrimarka li l-verżjoni tal-Ministru nbidlet għaliex l-intenzjoni oriġinali kienet li l-misraħ isir żona pedonali. Fid-dawl tad-deċiżjoni li l-pjazza tibqa' miftuħa għat-traffiku, huwa tenna s-suġġeriment sabiex tinqalet is-sistema tal-*one-way* fi Triq il-Parroċċa u Triq San Luqa, u hekk anke jispiċċa d-dħul abbużiv minn Triq il-Mitħna l-Ġdida/Triq Sant' Anna.

7.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat li Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II wkoll kienet saret żona pedonali. Hija staqsiet dwar jekk kienx hemm konsultazzjoni pubblika f'dak il-każ.

7.7. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-fattur tal-imwejjed u siġġiet fil-pjazza huwa wieħed sinifikanti u jeħtieġ li jingħata attenzjoni. Hija rrimarka li biex ikun hemm ippjanar tajjeb biex jilqa' għall-esiġenzi tal-preżent u l-futur f'dan ir-rigward jeħtieġ li jsir pjan ħollistiku.

7.8. Il-Kunsillier M. Abela stqarr li l-Kunsill ma jistax imur kontra l-kurrent u għaldaqstant il-misraħ għandu jibqa' miftuħ għall-vetturi, minkejja li l-faċilitajiet għall-ipparkjar kull ma jmur ser jonqsu. Huwa ppropona wkoll l-ispazji permessi għall-imwejjed u siġġijiet għandhom jiġu mmarkati fl-art permezz ta' pjanċa tal-i*stainless steel.* Huwa ssuġġerixxa wkoll li t-tabelli jitwaħħlu fil-baxx.

7.9. Il-Viċi-Sindku J. Buttigieg qal li huwa jaqbilx li Triq il-Parroċċa ssir *one-way* għat-telgħa, peress li taffettwa ħażin it-traversi li jaqbdu magħha – Triq l-Isqof Pace u Triq il-Qalb Imqaddsa. Huwa ppropona li l-aspett pedonali m'għandux jitwarrab għall-kollox, billi l-misraħ jingħalaq għat-traffiku fi tmiem-il ġimgħa biss mit-8:00 pm sa' nofs-il lejl, meta l-attività tkun limitata għas-soċjalizzazzjoni, fl-istabilimenti tal-madwar. Is-Sur J. Buttigieg ikkummenta wkoll li fid-dawl tal-fatt li l-parkeġġ ippjanat taħt l-estensjoni tal-Iskola Primarja ser ikun ta' żewġ sulari biss, ma jarax li għandu jiġi eliminat l-ipparkjar kollu f'Misraħ il-Parroċċa. Kompla jgħid li fortunatament l-faċilitajiet għall-ipparkjar fil-pjazza ser ikompli jonqos bl-allokazzjoni ta' spazji għall-imwejjed u siġġijiet.

7.10. Ġie rrappurtat wkoll li fil-laqgħa tas-17 ta' Lulju, kien hemm qbil unanimu li:

- L-ispazji permessi għall-imwejjed u siġġijiet għandhom ikunu ndikati fuq il-pavimentar permezz ta' pjanċi tal-i*stainless steel*;
- Il-postijiet għall-ipparkjar għandhom jiġu ndikati permezz ta' *studs* imwaħħla fuq il-pavimentar;

- It-tabelli tat-traffiku għandhom jitwaħħlu fil-baxx mal-ħitan possibilment mingħajr l-użu ta' arbli; u

- Bi prova, il-misraħ jingħalaq għat-traffiku miż-żewġ naħat is-Sibtijiet u l-Ħdud bejn il-5 ta' Awwissu u l-10 ta' Ottubru 2023, sakemm il-LESA tkun kommessa li tipprovdi żewġ uffiċjali minn tagħha bejn it-8:00 pm u nofs-il lejl.

7.11. Il-Kunsill irratifika l-proposti li saru fil-laqgħa tas-17 ta' Lulju 2023.

**8.1. Ġbir tal-iskart domestiku miż-żoni tal-Għadira, fl-Aħrax, u postijiet oħra (K/6/2/Vol V)**

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li fit-28 ta' Ġunju 2023 saret laqgħa dwar il-ġbir tal-iskart domestiku miż-żoni tal-Għadira u l-Aħrax. Saret laqgħa oħra fuq il-post fit-tliet żoni tal-Aħrax fit-3 ta' Lulju. B'riżultat ta' dawn il-kuntatti kien miftiehem li fis-17 ta' Lulju 2023 għandu jinbeda ġbir bieb-bieb tal-iskart dometiku separat skont l-iskeda nazzjonali tal-ġbir. Intant ir-residenti tal-kmamar u postijiet oħra fil-lokalità ġew mgħarrfa wkoll li b'effett mis-17 ta' Lulju, tneħħew il-*bins-on-wheels* kollha sabiex jingħata servizz bieb-bieb fl-inħawi ta':

- Ramlet il-Qortin
- Ta' Maċċa
- L-Armier iż-Żgħir
- Ir-Ramla tat-Torri l-Abjad
- Triq Għajn Tuta
- Triq il-Palazz iż-Żgħir
- Triq Ta' Msid
- Triq Wied Musa
- Il-Marfa
- Triq Għerien il-Ħida

8.3. Fil-każ tal-*Caravan Site* tal-Għadira, sakemm tinstab soluzzjoni, kien propost li għadu jsir użu minn *bin-on-wheels* b'tabella fuqhom, peress li huwa diffiċli li l-iskart jinġabar bieb-bieb minħabba li din iċ-ċirkostanza titlob aktar ħsieb.

8.4. Is-Sur C. Debono għarraf ukoll li t-tneħħija Intant tneħħew ukoll il-bins-on-wheels tal-Moll tat-Tunnara, kif ukoll miż-żoni għall-ikkampjar ġewwa l-Aħrax. Fil-każ tal-aħħar qed isir appell fil-permessi li jinħarġu sabiex l-iskart jittieħed lura lejn id-dar, peress li dawn il-postijiet mhumiex ikkonsidrati bħala postijiet residenzjali.

8.5. Il-Kunsill innota u approva l-arranġamenti li saru u kien tal-fehma li l-postijiet li huma l-aktar problematiċi huma l-Moll tat-Tunnara u ż-żoni għall-ikkampjar ġewwa l-Aħrax. Minkejja dan, kien hemm qbil li l-bins-on-wheels għandhom jitneħħew, peress li dawn ġew eskużi mill-kuntratti tar-Reġjuni. Din id-deċiżjoni ttieħdet ukoll abbażi tal-fatt li skart mħolli f'dawn il-postijiet mhuwiex domestiku, u għaldaqstant m'għandux jitħalla fuq il-post.

8.6. Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent, kif ukoll mal-LESA sabiex isir infurzar tal-liġi tal-iskart fil-postijiet imsemmija.

**9.1. Skema Finanzjarja SPI/SCI/4/2023 – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati (F/1/7/Vol VII)**

9.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li dwar din l-iskema kien hemm kuntatti mal-Pulizija tal-Kumunità, li minn naħa tagħhom ipproponew li jsiru sensiela ta' *cameras* li jkopru d-dħul u l-ħruġ għall-parti urbana tal-Mellieħa. Għaldaqstant tfassal proġett sabiex jiġu nstallati *cameras* li jaħdmu permezz ta' pannella fotovoltaika u SIM card f'dawn il-postijiet strateġiċi:

- Triq Edward Camilleri faċċata ta' Triq il-Modd;

- Triq il-Kbira bejn Triq Selmun u Triq il-Qortin;
- Triq il-Mitħna l-Qadima k/m Triq Lewis Wettinger; u
- Triq il-Marfa k/m Moll tat-Tunnara.

9.3. Mill-kuntatti li kien hemm mal-Pulizija saret proposta oħra sabiex jinxtaw aġġeġġi mgħammra b'ċippa sabiex jitqassmu lil persuni anzjani intiżi li jindikaw il-lokazzjoni tal-oġġetti li faċilment jinsterqu bħalma huma bastktijiet, kartieri eċċ.

9.4. Minħabba li l-għotja massima taħt din l-iskema hija ta' €15,000, il-Kunsill qabel li għandu jiddedika l-fondi għall-proġett tal-*cameras*.

**10.1. Ftehim dwar l-introduzzjoni ta' *School Grannies*** (S/3/2)

10.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar li fit-3 ta' Mejju 2023 saret laqgħa li attendew għaliha s-Sindku D. Vella, il-Viċi Sindku J. Buttigieg, u l-Kunsilliera A. Brincat Stellini, il-Pulizija tal-Komunità, uffiċjali mill-Iskola Primarja, u mid-Dipartiment tal-Anzjanità Attiva dwar l-introduzzjoni tal-iSchool Grannies.

10.3. L-għan ta' dan il-proġett pilota huwa li jinstabu persuni anzjani biex jgħinu lill-uffiċjali tal-LESA jew lill-Pulizija fil-kontroll tat-traffiku waqt il-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tal-iskola, kif ukoll isellmu lit-tfal hekk kif jidħlu jew jitilqu mill-iskola. Għal dan il-għan tressaq abbozz tal-ftehim li jrid jiġi ffirmat. Dan jipprovidi li:

- Il-Kunsill joħroġ espressjoni ta' interess biex jinstabu persuni li għandhom aktar minn 60 sena, ħalli jagħmlu dan ix-xogħol fuq bażi volontarja. Il-Kunsill huwa mistenni li javviċina persuni anzjani li fil-fehma tiegħu huma addattati biex iħeġġiġhom jaqdu din il-funzjoni.

- Ikun hemm bord immexxi mid-Dipartiment li jagħżel il-persuni li jagħtu s-servizz.

- Id-Dipartiment irid jikkordina mal-Pulizija biex iħarrġu l-persuni magħżula, kif ukoll lit-tfal tal-iskola.

- Il-Kunsill irid jipprovdi rigali minn żmien għal żmien biex jitqassmu mill-voluntiera lit-tfal.

- Il-Kunsill irid jikkordina lill-persuni magħżula u jara li jkunu qed iwettqu dmirijiethom kif miftiehem, kif ukoll jirrapporta l-andament ta' kull xahar lid-Dipartiment.

- Il-Kunsill irid iħallas bir-rata ta' €5.50 fis-siegħa lill-voluntiera, skont in-numru ta' sigħat ta' servizz mogħtija, sa massimu ta' sagħtejn kuljum - siegħa filgħodu u siegħa wara nofsinhar, fil-ġranet tal-iskola biss.

- Id-Dipartiment jagħmel tajjeb għal ħlas li jsir lill-anzjani wara li l-Kunsill jgħaddilhom il-kont.

10.3. Il-Kunsill qabel mal-kundizzjonijiet marbuta mal-iskema filwaqt li kien tal-fehma li l-i*School Grannies* huma meħtieġa qrib id-daħla ewlenija tal-iskola fi Triq Edward Camilleri.

**11.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin** **(A/5/3/5Vol XII)**

11.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li fil-25 ta' Lulju 2023 saret konferenza stampa dwar l-Iljieli Melleħin f'Misraħ il-Parroċċa, li kienet indirizzata mill-Ministru tat-Turiżmu C. Bartolo u minnu. Huwa qal ukoll li programm kollu bil-Malti u l-Ingliż tqassam bieb-bieb.

11.3. Is-Sur D. Vella ppropona li t-tifkira illi ser tingħata lill-Għaqda tan-Nar Maria Bambina fl-okkażjoni tar-rebħ tal-ewwel premju tal-Malta Fireworks Festival li sar bejn il-25 30 ta' April 2023, tiġi ppreżentata nhar il-Sibt 29 ta' Lulju.

11.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**12.1. L-Ittra ta' Direzzjoni – Sena Finanzjarja 2022 - mibgħuta mill-udituri tal-Kunsill (F/1/2/Vol IX)**

12.2. Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għall-Ittra ta' Direzzjoni (*Managment Letter*) mibgħuta mill-udituri għas-Sena Finanzjarja 2022, kif ukoll t-tweġiba għaliha. Is-Sur C. Debono aċċenna li l-Kunsill indirizza l-punti kollha ndikati fl-ittra tal-2021, li kienu jiddependu direttament mill-Kunsill. Huwa qal li l-punti kollha li tqajmu kienu ta' natura teknika u allura jittrattaw il-mod kif ċerti transazzjoni kellhom jiġu murija fil-kotba. Billi r-risposta għall-ittra ta' direzzjoni kellha tingħata sad-15 ta' Ġunju 2023, din diġa ntbagħtet lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali.

10.2. Il-Kunsill irratifika t-tweġiba mogħtija.

**13.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

13.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Xiri datata 23 ta' Lulju 2023.

13.3. Tresqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn is-26 ta' Ġunju u it-23 ta' Lulju 2023.

13.4. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

**AĠĠORNAMENT**

Bil-permess ta' dawk preżenti, is-seduta spiċċat fid-9:00 pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 22 ta' Awwissu 2023 fil-5:30 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |